Australian Human Rights Commission
everyone, everywhere, everyday

# Tagħmel ilment

Il-Kummissjoni Awstraljana Għad-Drittijiet tal-Bniedem hi korp indipendenti li jinvestiga u jirriżolvi ilmenti dwar diskriminazzjoni sesswali illegali, razzjali, tad-diżabilità u tal-età, diskriminazzjoni tal-ILO III u ksur tad-drittijiet tal-bniedem.

## Dwar xiex tista' tressaq ilmenta magħna

- ***Diskriminazzjoni sesswali*** tinkludi fastidju u diskriminazzjoni sesswali bbażata fuq is-sess, l-identità tal-ġeneru, status intersesswali, tqala, jew status maritali jew tar-relazzjonijiet, it-treddigħ, responsabbiltajiet tal-familja u orjentazzjoni sesswali.
- ***Id-Diskriminazzjoni rigward id-diżabilità*** tinkludi diskriminazzjoni bbażata fuq disabilitajiet fiżiċi, intelletwali, sensorji, ta' tagħlim u psikjatriċi; mard, kundizzjonijiet mediċi, korriment relattat max-xogħol;diżabilitajiet tal-passat, tal-preżent u tal-futur; għajnuniet għad-diżabilità; assistenza tal-annimali u assoċjazzjonijiet ma' persuna b'diżabilità.
- ***Diskriminazzjoni razzjali*** tinkludi mibgħeda razzjali u diskriminazzjoni bbażata fuq ir-razza, kulur, id-dixxendenza, origini nazzjonali jew etnika u l-istatus tal-immigranti.
- ***Diskriminazzjoni ibbażata fuq l-età*** tinkludi diskriminazzjoni bbażata fuq il-fatt li int għadek żgħir wisq jew xiħ wisq.
- ***Diskriminazzjoni ILO III*** tinkludi diskriminazzjoni fuq ix-xogħol minħabba reliġjon, rekord kriminali, attività trejdjunistika, opinjoni politika u oriġini soċjali.
- ***Drittijiet umani*** jinkludu azzjonijiet minn jew f'isem il-Commonwealth li huma allegati li jiksru strumenti internazzjonali speċifiċi tad-drittijiet tal-bniedem , bħall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilitajiet.

Tista' tagħmel ilment irrispettivament minn fejn tgħix fl-Awstralja u ma tħallas xejn jekk tagħmel ilment. Il-passi fil-proċess tal-ilment huma deskritti hawn taħt.

## Tista' tistaqsi

- Jekk m'intix ċert jekk tistax tagħmel ilment dwar xi ħaġa, tista' tikkuntattja s-Servizz Nazzjonali ta' Informazzjoni tal-Kummissjoni bit-telefon fuq **1300 656 419** jew b'email lil infoservice@humanrights.gov.au

- Nistgħu nibgħatulek formola għall-ilment biex tibda l-proċess.

- Jekk ma nistgħux ngħinuk, aħna nippruvaw nirreferuk lil xi ħadd li jista'.

## Agħmel ilment

- Ilment għandu jkun bil-miktub. Tista' timla formola tal-ilment u timpostaha jew tibgħatha bil-fax lura lilna jew tista' tressaq ilment onlajn fuq il-websajt tagħna www.humanrights.gov.au
- Tista' tressaq ilment bil-lingwa preferita tiegħek u nistgħu ngħinuk tikteb l-ilment tiegħek jekk dan ikun meħtieġ.
- M'għandekx bżonn avukat biex tressaq ilment.
- Jekk ma nistgħux nittrattaw l-ilment tiegħek, aħna nispjegaw għaliex.

## Investigazzjoni

- Aħna nikkuntattjawk biex nitkellmu dwar l-ilment tiegħek u aħna nistgħu nitolbuk tipprovdi aktar informazzjoni.
- Ġeneralment, il-Kummissjoni tikkuntattja lill-persuna jew organizzazzjoni li qed tilmenta dwarhom u tipprovdilhom kopja tal-ilment tiegħek. Aħna nistgħu nitolbuhom jipprovdu informazzjoni speċifika u / jew tweġiba għall-ilment tiegħek. L-informazzjoni pprovduta lill-Kummissjoni bi tweġiba għall-ilment tiegħek jista' jkun fiha informazzjoni personali, inkluża sensittiva, dwarek.
- F'xi każijiet, nistgħu niddeċiedu li ma nkomplux nittrattaw l-ilment tiegħek. Jekk jiġri dan, aħna nispjegaw għaliex.
- Aħna nistgħu nitkellmu miegħek dwar kif tista' tipprova ssolvi l-ilment permezz ta' konċiljazzjoni.

## Konċiljazzjoni

- Il-konċiljazzjoni tfisser li aħna nippruvaw ngħinuk u l-persuna jew l-organizzazzjoni li qed tilmenta dwarha issib mod kif issolvi l-kwistjoni.
- Il-konċiljazzjoni tista' sseħħ f'laqgħa wiċċ imb wiċċ imsejħa 'konferenza ta' konċiljazzjoni' jew permezz ta' konferenza telefonika. F'xi każijiet, l-ilmenti jistgħu jiġu solvuti permezz ta' skambju ta' emails u konversazzjonijiet mal-konċiljatur.
- L-ilmenti jistgħu jiġu solvuti b'ħafna modi differenti. Pereżempju, permezz ta' apoloġija, bidla fil-politika jew kumpens.

## Tista' tittieħed azzjoni quddiem il-qorti – diskriminazzjoni sesswali, dwar diżabilità, razzjali u dwar l-età

- Il-Kummissjoni m'għandhiex is-setgħa li tiddeċiedi jekk seħħetx diskriminazzjoni illegali.

- Jekk l-ilment tiegħek ma jiġix solvut jew jitwaqqaf għal xi raġuni oħra, tista' tressaq il-kwistjoni quddiem il-qorti. Il-qorti tista' tiddeċiedi jekk seħħitx diskriminazzjoni illegali.
- Għandek 60 jum minn meta l-Kummissjoni ttemm l-ilment biex int tkun tista' tagħmel applikazzjoni quddiem il-Qorti taċ-Ċirkwit Federali tal-Awstralja jew il-Qorti Federali tal-Awstralja.
- Il-Kummissjoni ma tistax tieħu l-kwistjoni quddiem il-qorti għan-nom tiegħek jew tgħinek tippreżenta l-każ tiegħek fil-qorti.
- Għandu mnejn ikollok bżonn tkellem avukat jew servizz legali jekk trid tmur il-qorti.

**Deċiżjoni / Rapport - ILO III diskriminazzjoni u drittijiet tal-bniedem**

- Jekk l-ilment ma jiġix solvut jew jitwaqqaf għal xi raġuni oħra, il-President tal-Kummissjoni jista' jiddeċiedi jekk seħħx diskriminazzjoni ILO III jew ksur tad-drittijiet tal-bniedem.
- Jekk il-President huwa sodisfatt li seħħet diskriminazzjoni jew ksur tad-drittijiet tal-bniedem, il-President jista' jirrapporta l-kwistjoni lill-Avukat Ġenerali Federali. Fir-rapport, il-President jista' jirrakkomanda kumpens għal kwalunkwe telf jew korriment li persuna tkun sofriet. Ir-rapport jista' jitressaq fil-Parlament.
- Eżempji tad-deċiżjonijiet tal-President dwar id-diskriminazzjoni u d-drittijiet tal-bniedem huma disponibbli fuq il-websajt tal-Kummissjoni fuq http://www.humanrights.gov.au/publications/reports-minister-under-ahrc-act.

## Minn fejn nista' nikseb aktar informazzjoni?

Id-dettalji tal-kuntatt tal-Kummissjoni Awstraljana għad-Drittijiet tal-Bniedem huma:

**Telefown**
Servizz Nazzjonali tat-Tagħrif: 1300 656 419
TTY: 1800 620 241
NRS 133 677
Fax: (02) 9284 9611

Jekk għandek bżonn interpretu tista' ċċempel **131 450** u titlob li tkun ikkonettjat mal-Kummissjoni Awstraljana għad-Drittijiet tal-Bniedem.

Jekk inti trux jew tbati minn impediment ta' smigħ tista' tikkuntattjana permezz ta' TTY fuq 1800 620 241. Jekk int trux jew għandek impediment tas-smigħ jew tat-taħdit diskors tista' wkoll tikkuntattjana permezz tas-Servizz ta' Relay Nazzjonali (NRS) fuq 133 677. Jekk int għandek bżonn interpretu Auslan nistgħu nirranġaw dan għan-nom tiegħek.

Jekk int għami jew għandek impediment tal-vista nistgħu nipprovdu informazzjoni f'formati alternattivi jekk trid.

**Posta**

GPO Box 5218
Sydney NSW 2001

**Onlajn**
Imejl: infoservice@humanrights.gov.au
Websajt: www.humanrights.gov.au

Tista' tagħmel ilment onlajn billi tmur fuq
http://www.humanrights.gov.au/complaints/lodging-your-complaint.

## Tagħrif ġenerali legali

Jekk qed taħseb jekk għandekx tagħmel ilment, int għandek mnejn tkun trid tikseb parir legali. Hemm servizzi legali komunitarji li jipprovdu parir bla ħlas dwar id-diskriminazzjoniu l-iffastidjar.

Tista' tikkuntattja korp tal-Għajnuna Legali (https://www.nationallegalaid.org/for-individuals/) jew l-eqreb ċentru legali komunitarju (www.naclc.org.au/directory).

**Ċaħda: L-għan ta' dan it-tagħrif fuq din l-iskeda informattiva hu li jipprovdi biss gwida. Mhux sostitut għall-parir legali.**